C/2024/4425

10.7.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11544 — PFEIFER & LANGEN IHKG GROUP / LATRAPS / ASNS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4425)

1. Fit-2 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Pfeifer & Langen GmbH & Co. KG ("Pfeifer & Langen", il-Ġermanja)

— ASNS Ingredient SIA ("ASNS", il-Latvja)

— Lauksaimniecības pakalpojumu kooperatīvā sabiedrība ("LATRAPS", il-Latvja), attwalment ikkontrollata mill-ASNS.

Pfeifer & Langen u ASNS se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' LATRAPS.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Pfeifer & Langen primarjament timmanifattura u tforni zokkor, xarbiet, oġġetti tal-ikel u prodotti li jissostitwixxu l-laħam u l-ħut,

— LATRAPS hija soċjetà kooperattiva Latvjana tas-servizzi agrikoli, proprjetà sħiħa ta' 1 195 membru, u tipprovdi lill-membri tagħha assistenza fit-tkabbir, l-iżvilupp u l-bejgħ tal-għelejjel

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża ASNS huma dawn li ġejjin: ASNS tissorvelja l-iżvilupp ta' impjant għall-iżolat tal-proteina tal-piżelli f'Jelgavas, il-Latvja, li mistenni jkun operazzjonali fl-2027.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

L-osservazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11544 — PFEIFER & LANGEN IHKG GROUP / LATRAPS / ASNS

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË